# JOANNA AGIUS (25.6.1958-)



IL-PROFESSUR RAY MANGION
B.A. (Hons.) (Istitut Agostinjan), M.A. (Storja) (Melit.), LL.D. (Melit.), D.Phil. (Oxon.), M.O.M.



Joanna Agius fit-tfulija flimkien ma' missierha Dr Edgar (c) Joanna Agius

Joanna Agius twieldet f'Ibadan, fin-Niġerija, it-tieni wild tat-Tabib u tal-Kirurgu Edgar Augustine Agius u tal-Occupational Therapist Anne Roth-Watts. Hija ngħatat l-ismijiet ta' 'Joanna Jane'.

Hija kienet għadha tarbija meta nġiebet Malta mill-ġenituri sewwasew ftit ġimgħat wara rritornaw għaliex faqqgħet il-Gwerra Ċivili fin-Niġerja.

Joanna, kif dejjem kienet magħrufa, attendiet fl-Iskejjel ta' Stella Maris f'Ħal Balzan u tas-Sacred Heart f'San Ġiljan.

Hija segwiet Kors fl-Isports Management fil-Fakultà tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta mnejn hija kisbet Ċertifikat fl-Edukazzjoni tal-Isports fl-1993.

Joanna kellha diversi impjiegi, inizjattivi u esperjenzi fid-dinja tax-xogħol.

Hija ħadmet bħala courier ma' Arrow Smith Holidays ibbażati f'Manchester fl-Ingilterra kif ukoll ma' Belle Holidays f'Malta. Imbagħad fetħet ħanut tal-kafè bl-isem 'Coffee Pot' quddiem l-Isptar San Luqa, Gwardamanġa, iżda iktar tard ingaġġat fir-rwol ta' Manager tal-Health Club fi ħdan il-Weston Dragunara, f'San Ġiljan, kif ukoll fl-Accor Hotels San Antonio f'Buġibba. Hija ħadmet ukoll mal-'Maroque Shop' fil-Belt Valletta. Eventwalment, hija daħlet taħdem bħala Eżaminatur tas-Sewqan ma' Transport Malta.

Joanna ħabbet l-isports in ġenerali sa mit-tfulija, speċjalment l-Atletika u t-Tennis iżda ħabat li ltaqgħet ma' Dr Ted Pickering, Archery Coach u wieħed mill-pijunieri tal-isport f'Malta. Joanna saret taf lil dana l-istruttur famuż bis-saħħa ta' rakkomandazzjoni li kienet għamlitlu Mrs Vi li kienet Kap tal-Iskola residenti f'Londra fl-Ingilterra u li kienet ġiet għal btala f'Malta biex iżżur lill-aqwa ħabiba tagħha Eleonor li ma kinitx ħlief in-nanna materna ta' Joanna u li kienet miġbura mal-ġenituri Edgar u Anne u ma' ħutha.

Joanna ddeċidiet li tieħu l-Isparar bil-Qaws bis-serjetà u professjonalment.

Hija kienet kowċjata fil-bidu minn John Schembri u kompliet ma' Tommy Cauchi f'Malta. Hija tħarrġet ukoll taħt l-istruzzjoni u d-direzzjoni ta' fl-Amerka.

Joanna ħadet sehem u kisbet wieħed mill-ewwel tliet postijiet fit-tournaments internazzjonali kollha li kienu organizzati mill-Malta Archery Association f'Malta f'kull sena mill-1974 sal-1990.

Joanna rappreżentat lil Malta b'distinzjoni kbira f'għadd ta' avvenimenti mill-1979.

Hija kellha d-debut tagħha barra minn Malta billi ħadet sehem fil-Mediterranean Games fi Split.

Anzi, Joanna ħadet sehem f'isem pajjiżha Malta fl-Olympic Games li tniedu kull erba' snin u pparteċipat għal tliet darbiet konsekuttivi, jiġifieri f'Moscow (dak iż-żmien fl-Unjoni Sovjetika) fl-1980, f'Los Anġeles (fl-Istati Uniti tal-Amerka) fl-1984, kif ukoll f'Seoul (fil-Korea t'Isfel) fl-1988.

Joanna kienet l-ewwel persuna femminili li rrappreżentat lin-Nazzjon Maltija fil-Logħbiet Olimpiċi fuq skala internazzjonali.

Hija rebħet erba' midalji fl-Island Games li saru fi Guernsey fl-1987.

Joanna kienet ir-rebbieħa bħala Sportswoman tal-Malta Year Awards fl-1979 u fl-1982. Minbarra hekk, hija spiċċat runner-up fl-1984 u l-1987, u fit-tielet post fl-1983.

Joanna Agius parteċipat

> "Joanna ħadet sehem f'isem pajjiżha Malta fl-Olympic Games li tniedu kull erba' snin u pparteċipat għal tliet darbiet konsekuttivi. Hija rebħet erba' midalji fl-Island Games li saru fi Guernsey fl-1987."

f'sensiela twila ta' kompetizzjonijiet tabilħaqq prestiġjużi, kemm Maltin, Mediterranji u tal-Commonweath, u kemm Ewropej u Internazzjonali, u li kronoloġikament kienu: il-World Championships li kienu organizzati f'Punt'Ala, fl-Italja fl-1981; il-Commonwealth Games fi Brisbane fl-Awstralja fejn hija kisbet il-ħames pożizzjoni fl-1982; it-XXXII World Championships f'Los Anġeles, fl-Istati Uniti tal-Amerka, fl-1983; it-Tournament of Nations fil-Ġermanja fl-1984; il-Mediterranean Trophy fl-Italja fl-1985; il-Freccia d'Argento fl-istess Italja fis-sena ta' wara; il-Kampjonat Ewropew f'Iżmir, fit-Turkija, ukoll fl-1986); it-XXX *Torneo Ambrosiano fl-Italja* fl-1988; il-Kampjonat Ewropew f'Compiegne, fi Franza fl-1988; l-Open Archery Tournament f'Rivarola, fl-Italja fl-1989; il-Kampjonat Ewropew f'Barċellona, fi Spanja, fl-1990; u fl-aħħar nett il-European & Mediterranean Championships f'Malta fl-1992.

Hija ssoktat bl-attivitajiet tagħha fl-isports billi bdiet tagħmilha ta' Assistenta fl-Ikkowċjar tal-Għawm fl-Iskola Sport.

Hija kienet ukoll titqabbad bħala uffiċjal tekniku fit-timijiet li kienu jassistu fil-kompetizzjonijiet lokali u li kienu jsiru fil-Marsa tal-Ingliżi.

Joanna stabbiliet lilha nfusha bħala waħda mill-isportivi nisa ewlenin Maltin f'Malta f'dawn l-aħħar ħamsin sena.

Ms Agius kienet eletta fil-Hall of Fame tal-Kumitat Olimpiku Malti għall-impenn bla waqfien u għall-kisbiet straordinarji personali kif ukoll għall-kontribut tagħha lill-isport lokali in ġenerali, partikularment sparar bil-qaws fl-2010.

Joanna għadha attiva sal-lum fl-isports bħalma huma l-għawm, it-treking kif ukoll il-kayaking.

**Biblijografija:**

Reġistru Pubbliku, Valletta, Malta, Twelidijiet 577/2007; Michael J.Schiavione/Louis J.Scerri, Maltese Biographies of the Twetntieth Century (Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 1997); Nunzio Bonello, 'Archery: A Year of Success for Joanna Agius', The Times (14.i.1988), Lewis Portelli, 'Women in Sport – Joanna Agius. Synonymous with Archery', Caroline Tonna (ed.)., Elegance, Women's Quarterly Magazine, Spring 1993, Special Anniversary Edition (Carol Publications, Tarxien, Malta, 1993), Michael J.Schivaione, Dictionary of Maltese Biographies, Vol.I. A-F (Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2009); www.the-sports.org/joanna-agius-archery-spf-30039.html.; Ms. Joanna Agius 10.viii.2002.



Joanna Agius (c)



Joanna ma' ommha Anne fl-Ajruport ta' Heathrow, fl-Ingilterra, fl-1980 (c.Joanna Agius)